MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2015

Avviz Numru. 409/2011

**Peter Saffrett**

**Vs**

**Darren Galea**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Peter Saffrett fil-15 ta' Dicembru 2011 permezz ta' liema jitlob li Darren Galea jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' hamest elef mija u erbghin Euro (€5,140) rapprezentanti bejgh ta' oggetti u merkanzija lill-istess Darren Galea, bl-imghax dekoribbli skond il-Ligi u l-ispejjez kontra Darren Galea;

Rat ir-Risposta ta' Darren Galea permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) it-talba attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li l-pretensjonijiet maghmula mill-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu mhux minnu li huwa b'xi mod debitur ta' l-istess attur; (ii) fil-verità huwa l-attur li ghandu jaghti xi flus lilu; u (iii) fi kwalunkwe kaz kull pretensjoni ta' hlas fil-konfront tieghu ghandha tigi ppruvata skond il-Ligi;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Mejju 2012[1] u tal-15 ta' Ottubru 2012[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "PS1" sa' Dok. "PS3" a fol. 17 sa' 30 tal-process u l-prospett ta' l-oggetti li skond l-attur inghataw lill-konvenut u ma gewx ritornati lilu a fol. 38 tal-processs, semghet ix-xhieda ta' Joanna Amato moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2012[3] u x-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti tal-15 ta' Ottubru 2012[4]

[1] Fol. 31 sa' 34 tal-process.
[2] Fol. 39 sa' 43 tal-process.
[3] Fol. 35 u 36 tal-process.
[4] Fol. 44 sa' 51 tal-process.

u tal-15 ta' Jannar 2013[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "DG1" sa' Dok. "DG16" a fol. 53 sa' 68 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' €5,140 rapprezentanti l-valur ta' oggetti u merkanzija mibjugha lilu. Il-konvenut jilqa' ghat-talba ta' l-attur bl-eccezzjoni li mhux minnu li huwa debitur ta' l-attur, anzi huwa l-attur li huwa debitur tieghu u li fi kwalunkwe kaz l-attur ghandu jipprova l-pretensjonijiet tieghu kontrih.

Mix-xhieda ta' l-attur[6] jirrizulta li l-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-konvenut hija gall-hlas tal-valur ta' xoghol ta' helu mibjugh u konsenjat lill-konvenut kif jirrizulta minn diversi fatturi esebiti minnu bhala Dok. "PS1" u Dok. "PS2" a fol. 17 sa' 30 tal-process **u** ghall-hlas tal-valur ta' diversi affarijiet li jikkontendi li kien ta lill-konvenut u li qatt ma gew restitwiti lilu. Meta l-fatturi markati Dok. "PS1" u Dok. "PS2" jigu maghdudin flimkien jirrizulta li l-ammont li jkopru huwa ta' **€ 3,655.72** u mill-prospett esebit mill-attur a fol. 38 tal-process jirrizulta li l-valur ta' l-oggetti li jikkontendi li ta lill-konvenut u ma gewx restitwiti lilu huwa ta' **€1,540.00**, li flimkien jigu ghal **€5,195.72**.

Il-konvenut ma jichadx li l-attur kien ifornih bix-xoghol tal-helu u jirrikonoxxi ukoll li Antoine Camilleri, il-persuna li ffirmat il-maggor parti tal-fatturi esebiti mill-attur, kien effettivament jigbor ix-xoghol ghalih u kien ukoll awtorizzat jiffirma tali fatturi[7] izda jikkontendi li salv ghax-xoghol li ghalih tirreferi l-fattura Dok. "PS1", l-attur thallas ghax-xoghol kollu fornut lill-konvenut. In effetti waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2012 in risposta ghall-mistoqsija tal-Qorti *jigifieri int qed tghidli li dawn il-fatturi li pprezenta u li hu qed jghid li mhux imhallsin, huma mhallsa?* il-konvenut iddikjara *fil-fatt huma mhallsin* u ghall-mistqosija ulterjuri tal-Qorti *u kif kont thallsu* l-konvenut wiegeb *kont inhallsu b'cekk u nista' ngiblek ic-cekkijiet photocopy ukoll.* Ghall-mistoqsija tal-Qorti *se nerga' nistaqsik, dawn il-fatturi li ipprezenta l-attur l-ahhar darba, dawk skond inti huma kollha mhallsa?* il-konvenut wiegeb *hekk hu, li mhix imhallsa hija karta minnhom li jien iffirmajt fuqha fl-ahhar wahda, li meta mort jien ghax-xoghol u mort biex nibda naghtih ir-returns li bdejt nigbor* u ghall-mistoqsija *ha nwaqfek ftit, ara jekk hux qed tirreferi ghal din il-PS1, li hija ffirmata minnek?* il-konvenut wiegeb *hekk hu. Qed nirreferi ghal PS1.*

---

[5] Fol. 69 sa' 77 tal-process.
[6] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2012 a fol. 31 sa' 34 tal-process.
[7] Vide xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2012, fol. 44 sa' 51 tal-process.

In sostenn ta' l-allegat pagament lill-attur il-konvenut esebixxa serie ta' *cheques* li gew markati Dok. "DG1" sa' Dok. "DG16" a fol. 53 sa' 68 tal-process u waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2013[8] fir-rigward spjega *kif qed nara hawnhekk dan huwa Dok. 1* (ossia c-cheque a fol. 53 tal-process). *Dan huwa cekk li qieghed fl-istess data li ahna temmejna x-xoghol kif qed juri fuq dik il-karta ta' l-ahhar invoice ta' meta hadt ix-xoghol jiena li Peter Saffrett ma kienx gabar il-flus ghalihom ghax dik hija l-ahhar ta' xoghol li kien taghni* (il-konvenut hawn qed jirreferi ghall-fattura markata Dok. "PS1" kif minnu stess ikkonfermat fix-xhieda tieghu). … *Mela d-data hija bl-istess data ta' l-ahhar karta li temmejna x-xoghol jiena u Peter Saffrett però din id-data peress li jiena kont naghmilhomlu per ezempju mhux dejjem bl-istess gurnata, daqqa kienu jkunu post-dated skond ix-xoghol li jkun tani halli jien inkun lahhaqt nehhejthomlu. Fil-verità jiena ghandi dan ic-cekk kontriha dik il-karta li jiena ghidt li vera ma thallsitx m'hijiex tax-xoghol taghhom din. Din hija tax-xoghol li kien tani f'dik il-gimgha allura ma taqbilx ma' l-ahhar karta li jiena ma kontx hallastu tax-xoghol taghha. … Dan huwa cekk iehor* (Dok. "DG2") *li kont tajt lil Peter Saffrett li huwa ta' €409 li kont hallast lil Peter Saffrett li qieghed fl-24/6 u qieghed gurnata ta' wara li temmejna x-xoghol u jigifieri kont hallastu tax-xoghol li kien taghni xi 3 ijiem qabel jew jumejn qabel. … Jiena meta hadt over hawnhekk u bdejt nahdem ma' Peter Saffrett, kif ghedt qabel, Peter Saffrett kien finanzjarjament batut. Sahansitra dan kien jibghat l-agenti li kien jixtri x-xoghol minghandhom u kien jibghathom ghandi biex naghmillu cekkijiet biex inhallaslu x-xoghol biex ikun jista' jhallasli x-xoghol. Fil-verità dan ic-cekk huwa agent li jiena qatt ma xtrajt xoghol minghandu kien jixtri nissoponi x-xoghol minghandu Peter Saffrett u kien jghidli hallashom imbaghad naqtughhom mix-xoghol li naghtik. … Dok. DG6 u DG7 jindikaw li jiena lil Peter Saffrett kont naghmillu c-cekkijiet post-dated. … Fil-verità Peter Saffrett kif diga' ghidtlek kont naghmillu cekk jien biex jixtri l-materjal biex jahdimli x-xoghol kont naghmilhomlu post-dated biex dawn li jaghtuni ix-xoghol, jixtru x-xoghol minghandu, jaghtihomlu u jhallas bihom u fil-verità juruk fuq ic-cekk kemm minn wara u minn quddiem li ghamilthomlu fit-tali data u ssarrfu f'data qabel. … Ic-cekk kien 23/6 u iddepozitati 4/6 terga' u tghid. … Mela Dok. 14 u Dok. 15 jindikaw li Peter Saffrett gieli kien jigi u naghmillu cekkijiet fuq ismu biex ihallas lill-agenti, ma kontx inhallihomlu open cheque jew niktibhomlu jiena u jindikaw li huma endorsement dawn, ikun hallas bihom lil xi agenti, ikun iffirmalhom u hallas bihom lil xi agenti.*

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti. Fid-dubju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx jekk ma jigix pruvat … b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt. Naturalment l-attur li jallega id-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu*

[8] Fol. 69 sa' 77 tal-process.

*vantat. Inkella, fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju "actor non probante, reus absolvitur"*[9].

Applikat dan il-principju ghall-provi mressqa mill-konvenut in sostenn ta' l-allegat pagament lill-attur, il-Qorti ma hijiex affattu konvinta li l-konvenut effettivament hallas lill-attur il-valur tax-xoghol tal-helu meritu ta' dawn il-proceduri.

Il-fatturi pprezentati mill-attur jkopru l-perijodu bejn t-30 ta' Mejju 2011 sa' l-20 ta' Lulju 2011 u ghalhekk ic-*cheques* esebiti mill-konvenut li huma datati **qabel** it-30 ta' Mejju 2011, ossia c-*cheques* markati Dok. "DG5" u Dok. "DG8" sa' Dok. "DG16", bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu li jikkostitwixxu prova ta' dan l-allegat pagament. Apparte minhekk mill-ezami u kontro-ezami tal-konvenut waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2013, irrizulta bic-car li c-*cheques* lill-attur kienu johorgu *post-dated* u l-konvenut ma huwiex f'posizzjoni li jallaccja pagament ma' fattura jew fatturi partikolari ghaliex ma jidhirx li zamm rendikont ta' liema fatturi kien qed jaqta' bil-pagamenti effettwati minnu u ghalhekk lanqas jista' jinghad li c-*cheques* l-ohra esebiti minu, ghad illi datati 30 ta' Mejju 2011, 23 ta' Gunju 2011 u 24 ta' Gunju 2011, jikkostitwixxu prova ta' hlas lill-attur ghall-fatturi meritu ta' dawn il-proceduri. L-infondatezza ta' l-allegazzjoni tal-konvenut tirrizulta wkoll mill-fatt li huwa jikkontendi li bic-*cheque* datat 23 ta' Gunju 2011 markat Dok. "DG1" huwa hallas ghax-xoghol fornit lilu mill-attur matul dik il-gimgha u li bic-*cheque* datat 24 ta' Gunju 2011 markat Dok. "DG2" huwa hallas ghax-xoghol fornit lilu mill-attur tul il-jumejn jew tlieta ta' qabel, affermazzjoni din li effettivament tfisser li suppost hallas ghall-istess xoghol darbtejn! U affermazzjoni din del resto mhux kredibbli meta l-prassi tal-konvenut kienet li jhallas bil-*post-dated cheques*.

Apparte minn hekk il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li qabel ma hareg b'din l-ispjegazzjoni tal-*post-dated cheques,* il-konvenut kien iddikjara – u dana senjatament waqt ix-xhieda li ta fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2012[10] - li kien ihallas lill-attur filghaxija stess ta' dakinhar li kien ifornih bix-xoghol, dikjarazzjoni din li inbidlet ghal kollox meta gie biex jipsjega c-*cheques* li esebixxa bhala Dok. "DG1" sa' Dok. "DG19".

Il-konvenut jishaq li l-ahhar li inghata xoghol tal-helu minghand l-attur kien fit-23 ta' Gunju 2011 u meta mistoqsi jispjega l-fattura datata 20 ta' Lulju 2011 – fol. 20 tal-process – ghall-valur ta' €225.00 huwa semplicement irrisponda *jiena din ma nistax nifhimha, ahjar tistaqsi lil Peter Saffrett fuqha ghax kif taf ix-xoghol intemm fit-tali gurnata. Ma nafx kif xahar wara hawn gurnata li kitibha hu din u ma nafx minn fejn gabha. Ma nafx, ahjar tistaqsi lis-Sur Peter Saffrett. Li naf hu li qed jipprova jingannani €5,000.* Il-Qorti ma hijiex affattu sodisfatta b'din l-ispjegazzjoni stante li l-attur fl-ebda stadju ma

[9] Andrew Dalli v. Michael Balzan noe, Citaz. Nru. 187/90 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003.
[10] Fol. 44 sa' 51 tal-process.

iddikjara li n-negozju bejnu u l-konvenut intemm fit-23 ta' Gunju 2011, din hija allegazzjoni tal-konvenut, u l-fattura in kwistjoni hija, bhal diversi fatturi ohra, iffirmata minn Antoine Camilleri li kif ammess mill-konvenut stess kien imur jigbor ix-xoghol ghalih u kien awtorizzat sabiex jiffirma ghall-istess. B'hekk huwa l-konvenut li ghandu l-oneru li jipprova l-infondatezza ta' dik il-fattura partikolari u mhux jipprova jdawwar is-sitwazzjoni ghal fuq l-attur li bil-gurament tieghu kkonferma li l-fatturi minnu esebiti jirrapprezentaw ix-xoghol tal-helu fornut lill-konvenut u li tieghu qed jesigi l-hlas.

In kwantu rigwarda l-import tal-fattura esebita bhala Dok. "PS1", il-konvenut jikkontendi li dik il-fattura ghad illi dovuta ma thallsitx ghaliex l-attur ma riedx jaccetta minghandu *returns* ghall-valur ta' €170[11]. L-attur kategorikament jichad li mal-konvenut kellu ftehim dwar ir-*returns* u in effetti fir-rigward iddikjara *fil-ftehim li jiena kelli ma' Camilleri u ma' Galea, jiena ma kelli l-ebda forma ta' ftehim dwar ir-returns. Jiena fil-fatt kemm domt nahdem maghhom qatt ma rcevejt returns; dawn kienu responsabbilta' taghhom. Li kien hemm fir-returns kien hemm incident wiehed biss li kien hemm xi pasti tal-coconut tas-salib li mmuffaw sakemm gew biex iqassmuhom, hu gie qalli u fil-fatt ghedtlu biex nehodhom lura u nerga' naghmillu godda u bhala fatt ma kontx ergajt ghamilthomlu imma kienu nqatghu mill-kont. Kiem hemm affarijiet zghar ta' returns u dawn konna nirrangaw bejnietna. Nikkonferma li l-expiry date li jiena kont nghaddi lill-konvenut kienet ta' xahrejn jew tliet xhur. Jiena kont naghmel xoghol ghall-konvenut kull gimgha u hu kien jigi jiehu x-xoghol kull gimgha u ghalija dak ifisser li huma kienu jmexxu x-xoghol. Jiena ghamilt madwar tliet xhur nissupplixxi lill-konvenut. Jiena nichad li wara t-tliet xhur li ahna hdimna kelli l-ewwel batch ta' returns minghand il-konvenut. Ma' klijenti ohra jiena ghandi ftehim dwar returns, dawn ikunu affarijiet li nirrangaw bejnietna u kien hemm okkazzjonijiet ukoll fejn hadna l-piz nofs bin-nofs. Nikkonferma wkoll li kien hemm bicciet mir-returns li nergghu nuzawhom u din hija prassi tad-dulciera kollha. Nerga' nghid li l-konvenut hlief ghal dak l-incident li semmejt qabel, lili qatt ma tani returns lanqas wara tliet xhur li konna ilna nahdmu flimkien. Nerga' ntenni li la kien jixtri x-xoghol minghandi kull gimgha sinjal li kien ibieghu. Il-post fejn nahdem jiena u l-hanut tal-konvenut qeghdin faccata ta' xulxin, dana hemm nofs kantuniera boghod bejnietna*[12].

Il-konvenut da parte tieghu jikkontendi li l-ftehim ma' l-attur kien fis-sens li r-*returns* jigu accettati mill-attur. In kontro-ezami waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2012 ghall-mistqosija *l-kwistjoni tar-returns, din l-operazzjoni ta' tlett xhur biss, fil-bidunett nghid se li l-klijent tieghi qatt ma kellmek fuq dawn ir-returns?* il-konvenut irrisponda *mhux vera, ngiblek il-kopji ta' invoices tieghi li dan wara ftit zmien li ftehmna jien u hu, dejjem verbali, li biex naqbad b'dan ix-xoghol li nissupplixxi l-hwienet kellu erba' hwienet u*

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2012, fol. 44 sa' 51 tal-process.
[12] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2012, fol. 39 sa' 43 tal-process.

*taghhom lili, ghax bix-xoghol li gibtlu jien ma setghax illahaqhom, fil-verità jien nista' ngiblek invoices ta' dawn l-erbat ihwienet li kien ihanndjali hu u ngiblek photocopies taghhom jew l-originali bir-returns imnaqqsa fuqhom.* Nonostante dan però l-konvenut baqa' ma gab l-ebda prova dokumentarja jew xort' ohra li turi li l-ftehim li kellu ma l-attur kien appuntu li l-attur jaccetta r-*returns* lura. Mill-assjem tal-provi prodotti fir-rigward il-Qorti hija iktar konvinta mill-attendibilità u kredibilità ta' l-attur milli mill-attendibilità u kredibilità tal-konvenut u ghalhekk hija tal-fehma li kif affermat mill-attur, bejnu u bejn il-konvenut ma kien hemm l-ebda ftehim dwar *returns* u b'hekk il-import intier tal-fattura markata Dok. "PS1" a fol. 17 tal-process huwa dovut lilu wkoll.

Il-konvenut ghalhekk ghandu jhallas lill-attur ghax-xoghol ta' helu fornit lilu tul il-perijodu bejn it-30 ta' Mejju 2011 u l-20 ta' Lulju 2011, liema fornitura hija koperta bil-fatturi esebiti u markati Dok. "PS1" sa' Dok. "PS2" a fol. 17 sa' 28 tal-process.

Filwaqt li l-Qorti hija konvinta mill-fondatezza tal-pretensjoni ta' l-attur ghall-hlas tal-valur tax-xoghol ta' helu fornit lill-konvenut, ma hijiex affattu konvinta mill-fondatezza tal-pretensjoni tieghu ghall-hlas tal-valur ta' oggetti minnu allegatament moghtija lill-konvenut u li ma gewx ritornati lilu.

Fir-rigward ta' din il-pretensjoni partikolari l-attur jikkontendi li *s-somma li qed nitlob minghand il-konvenut tirrapprezenta valur ta' xoghol li jiena kont fornejtu bih, kif ukoll xi affarijiet li iena kont tajtu meta beda jahdem bhal boro, rack tal-landi kif ukoll xi landi suwed u xi trays tal-plastik. Dawn l-affarijiet tajthom m'ghandix ricevuti taghhom ghaliex kont ilni ftit taz-zmien li xtrajthom*[13]. Mill-kontro-ezami tal-konvenut però – senjatament in segwitu ghal domandi ben specifici li sarulu in kontro-ezami – irrizulta li l-attur kien biegh dawn l-oggetti lil Antoine Camilleri li però a sua volta bieghhom lill-konvenut qabel ma kien hallas lill-attur taghhom.

Huwa evidenti li l-attur, in ezami u tramite l-kontro-ezami tal-konvenut, qed jaghti zewg versjonijiet differenti dwar din il-pretensjoni partikolari tieghu fil-konfront tal-konvenut. Fid-dawl ta' tali kunflitt il-Qorti difficilment tista' tqis l-istess bhala pretensjoni veritiera, fondata, gustifikata u sodisfacentement ippruvata u ghaldaqstant ma tqisx li l-istess tisthoqq li tigi milqugha.

Il-Qorti in fine tosserva li ghalkemm mid-dokumenti esebiti mill-attur, ossia l-fatturi Dok. "PS1" u Dok. "PS2" u l-prospett a fol. 38 tal-process, jirrizulta li l-valur komplessiv minnu pretiz huwa ta' **€5,195.72** – konsistenti fis-somma ta' €3,655.72 rapprezentanti l-valur tax-xoghol tal-helu fornit lill-konvenut u fis-somma ta' €1,540 rapprezentanti l-valur ta' l-oggetti elenkati fil-prospett – it-talba attrici hija ghall-hlas tas-somma ta' **€5,140**. Ladarba l-pretensjoni ghall-hlas ta' l-oggetti elenakti fil-prospett a fol. 38 tal-process, li skond dak l-

[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2012, fol. 31 sa' 34 tal-process.

istess propsett ghandhom valur ta’ €1,540, mhux qed tigi milqugha jigi li t-talba attrici ghandha tigi milqugha limitatament ghall-valur ta’ **€3,600**, ossia it-talba originali ta’ €5,140 imnaqqas il-valur ta’ €1,540.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel u tieni eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ it-tielet eccezzjoni tieghu limitatament ghall-pretensjoni tal-hlas tas-somma ta’ €1,540 rappreznetanti l-valur ta’ l-oggetti elenkati fil-prospett a fol.38 tal-process, tilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ €3,600 rapprezentanti l-valur tax-xoghol ta’ helu fornut lill-konvenut u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta’ €3,600, bl-imghax legali dekoribbli mill-20 ta’ Lulju 2011, id-data ta’ l-ahhar konsenja, sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal ¼ mill-attur u ¾ mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------